**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**Vs**

**Omissis**
**Alessio Zammit**

Kaz Nru: 1149/2012

Illum 6 ta' Lulju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Omissis u l-imputat Alessio Zammit, iben Tancredi u Josephine nee' Kitney, imwieled Tarxien fis-16 ta' Mejju, 1956, residenti gewwa 27, Lorraine, Flat 4, Triq il-Mullett, San Pawl u detentur tal-karta tal-identita numru 354956M:

Akkuzati talli nhar il-31 ta' Ottubru 2012 ghal-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija, gewwa LlDL, Santa Venera,

1. ikkommettew serq ta' disgha mija u hamsa u sebghin Ewro u tlieta u tlettin centezmu ta' I-Ewro (€ 975.33) fi prodotti li jgib il-LlDL u ghalhekk jeccedi il-valur ta' € 232.94, liema serq sar ukoll kkwalifikat bil-'Persuna', u bil-'Hin' ghad-detriment tal-kumpanija LlDL;

Lil Omissis wahdu akkuzat talli :

2. Nhar il-31 ta' Ottubru 2012 ghal-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija, gewwa LlDL, Santa Venera, fil-waqt Ii kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna kellu fuqu arma regolari, jew imitazzjoni ta' arma regolari;

3. U aktar talli fil-31 ta' Ottubru 2012 fil-granet ta' qabel ikkommetta serq ta' erbgha u tmenin ewro u erbgha u sittin centezmu ta' l-ewro (€ 84.64) fi prodotti li jggib il-LlDL;

Lil Alessio Zammit wahdu akkuzat talli:

4. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghen jew assista lil Omissis sabiex id-delitt gie preparat jew/u ikkunsmat:

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' serq aggravat bil-valur, bil-persuna u bil-hin; kif ukoll b'komplicita' fis-serq.

Jirrizulta mill-provi li l-imputat fil-31 ta' Ottubru 2012 kien impjegat bhala security mal-kumpanija LIDL u li huwa dakinhar kien adett fl-istabiliment ta' Sta Venera. Originarjament kien tressaq flimkien ma' Anthony Portelli li wkoll kien security mal-istess kumpanija izda li fid-data inkwistjoni ma kienx xoghol.

Kien sar rapport mill-istore manager, Charlton Frendo li kien inqabad persuna hiereg b'zewg trolleys mimlija bil-prodotti u li x'aktarx is-security li kien jinsab xoghol kien involut ukoll[1].

F'dawn il-proceduri aparti ufficjali tal-pulizija, tressqu bhala xhieda Charlton Frendo - store manager; Clinton Camilleri – district manager; Dario Camilleri – assistant manager; u Josmar Vassallo – sales assistant. Mix-xhieda ta' Charlton Frendo[2] jirrizulta li huwa ma kienx prezenti fl-istabiliment meta sehh ir-reat li kien jikkonsisti f'serq ta' diversi oggetti li kienu jinsabu fil-hanut li l-valur taghhom kien jammonta ghal aktar minn elf euro. Meta x-xhud mar fuq il-post wara li gie infurmat sab wiehed ragel bit-trolley. Xehed li l-imputat cahad li kien huwa li fetah il-grada lill-persuna l-ohra. Dan ix-xhud spjega li s-security, bhalma kien l-imputat, ikun ghassa mal-grada l-hin kollu. Huwa xehed li biex persuna tohrog mill-istabiliment trid bilfors tghaddi minn quddiem il-kaxxiera. Minn fejn tidhol hemm grada. Meta jkollhom xi deliveries idahluhom minn hemm, il-grada ma fihix lock u kemm persuna tgholliha.

Clinton Camilleri[3] xehed li lanqas huwa ma kien fl-istabiliment meta twettaq ir-reat. Huwa ghalhekk telaq minn Hal Luqa ghal Sta Venera. Sakemm waslu l-pulizija u huwa wasal fuq il-post sab trolley mimli affarijiet li kienu misruqin billi ma sarx hlas ghalihom. Xehed li l-imputat kien qiegħed xoghol fl-entratura – emergency door – li *"qisha rota ddur, malli jidhol bniedem ma ticcaqlaqx, malli inti tgholliha tista' tohrog 'il barra"*.

Josmar Vassallo[4] testwalment xehed *"Jiena kont qed ngahmel ix-xoghol tieghi nistiva l-prodotti fl-ixkafef, kif wasalt fl-ahhar kien hemm il-bleep idoqq, harist lejn il-bieb u rajt lis-security fetah il-grada u rajt ragel hiereg fejn ma jistghux johorgu nies minn hemmhekk"*. Ix-xhud gharaf lill-imputat bhala s-security li fetah il-grada. Il-persuna bit-trolley mar mill-ewwel ghal gol-lift. Ix-xhud ghajjat lis-supervisor tieghu u marru jghidu lil manager, Charlton Frendo. Huma nizlu fil-parking u sabu lil dan l-individwu. Qalulu biex jitla' fl-istore u ghaddew il-prodotti mal-manager minn fuq il-cash. L-imputat beda jichad li kellu xi involvement. Il-prodotti kienu

[1] PIRS a fol 61 tal-process
[2] Seduta tal-10 ta' Jannar 2013
[3] Seduta tal-31 ta' Ottubru 2013
[4] Seduta tal-10 ta' Jannar 2013

f'zewg trolleys. Ra wiehed hiereg jimbotta t-trolley u l-iehor jigbed it-trolley.

Dario Camilleri[5] xehed li Josmar Vassallo kien qallu biex imur jara u sema' l-alarm ta' fejn is-security idoqq u testwalment ighid *"Kif morna nittawlu naraw lis-security fetah il-grada u iehor, security wkoll li ma kienx xoghol dak il-hin hareg zewg trolleys minn hemmhekk"*. Huwa xehed li xoghol is-security huwa li ma johrog hadd minn din il-grada inkwistjoni li l-imputat fetah biex l-iehor johrog bit-trolleys.

L-imputat xehed f'dawn il-proceduri[6] u jghid li dakinhar tal-incident kien ghassa mal-grada. Kienu hargulhom ordnijiet sabiex joqghodu attenti ghat-toilets jew biex itellghu t-trolleys minn isfel u ghalhekk xogholu ma kienx biss li joqghod fiss fejn il-grada. Dakinhar jixhed li jahseb li kien fit-toilet jew x'imkien iehor itella' t-trolleys jew xi haga ohra pero' jaf li telghu tlieta min-nies minn isfel u qalulu li daqshekk hadem hemm.

Illi d-difiza fit-trattazzjoni ssottomettiet li hemm kunflitt fil-versjoni moghtija miz-zewg xhieda okulari ossija Josmar Vassallo u Dario Camilleri. Il-Qorti ezaminat ukoll l-versjoni moghtija miz-zewg xhieda *a tempo vergine*[7]. Il-versjonijiet moghtija mhumiex identici kelma b'kelma ghal dik li inghatat viva voce izda dan ma jfissirx li tali xhieda ghandhom jigu skartati jew ma jitwemmnux. Iz-zewg xhieda jaqblu li raw lill-imputat jiftah il-grada lil Portelli li fit-trolley kellu prodotti li rrizulta li ma kienx sar il-hlas taghhom. L-imputat ghalhekk ma jistax jitwemmen meta jghid li 'forsi' kien f'xi post jew f'iehor. L-imputat innifsu jghid li Portelli, li dakinhar ma kienx xoghol, kien kellmu dakinhar. Certament li l-imputat bhala security ma setax ma kienx jaf li minn fejn ghadda Portelli ma kienx intiz biex persuni johorgu minn hemm. Portelli li l-proceduri kontrih huma decizi finalment ma tressaqx bhala xhud.

Mill-provi prodotti din il-Qorti ma tqisx li l-imputat jista' jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu ghaliex ma giex ippruvat li huwa kien l-awtur tas-serq tal-oggetti. Madankollu gie ppruvat li huwa kien komplici fis-serqa li wettaq Portelli u dan billi

[5] Seduta tas-7 ta' Mejju, 2013
[6] Seduta tal-25 ta' Jannar 2016
[7] A fol 62 tal-processelitt

ghenu sabiex id-delitt jigi kkunsmat meta ghenu biex jiftah il-grada u sahansitra rawh jigbed it-trolley bl-oggetti. Il-versjoni tal-imputat ma tistax titwemmen u dan meta kkontrastata ma' dawk tax-xhieda.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tieghu li hija wahda netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 42(d), 43, 261(c)(f), 267, 270, 279(a) u 281(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minnha tillibera, ssib lill-imputat hati tar-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghed jigi liberat bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tlett (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat